MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 303/2013

**A B C**

**vs**

**D E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

"Illi l-esponent izzewweg lill-intimata fil-hmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar il-5 ta' April 2013 fl-ismijiet 'A B C vs D E C' (Citazzjoni Numru 1561/01 NC) kif ukoll permezz ta' decizjoni fl-ismijiet inversi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' April 2013 (Citazzjoni Numru 339/2002 NC).

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal u cioe' Mark u Sarah ahwa C illi ghandhom sbatax (17) u hmistax (15)-il sena rispettivament.

Illi l-esponent ghandu fdata lilu l-kura u l-kustodja tal-minuri Sarah b'obbligu li jiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha taghha minghajr ebda kontribuzzjoni minn martu l-intimata, filwaqt li l-intimata ghandha fdata lilha l-kura u l-kustodja tal-minuri Mark b'obbligu li din tiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha tieghu minghajr ebda kontribuzzjoni minn zewgha l-esponent.

Illi ghaddew ferm aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Lanqas hemm arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant ir-rikorrent A B C jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata D E C bhala mahlul, u li 1-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti. “

Rat ir-risposta tal-konvenuta li permezz taghha resqet is-segwenti eccezzjonijiet:-

"Illi t-talba tar-rikorrent zewgha ghall-hall taz-zwieg tal-kontendenti ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi elementi necessarji ghal ghoti tad-divorzju huma nieqsa b' mod partikolari ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrent ghandu arretrati ta' manteniment xi jhallas lill-esponenti martu bhala manteniment *pendente lite* ordnat b' digriet tal-14 ta' Marzu 2002. Dan l-ammont ilahhaq, skont kif kkalkolat mill-esponenti, ghas-somma ta' €3824. M' huwiex fil-fehema umili tal-esponenti apert lir-rikorrent illi jitlob il-hall taz-zwieg tieghu u jhalli dawn l-arretrati ta' manteniment pendenti.

2. Illi fit-tieni lok, l-allegazzjoni illi "ghaddew ferm aktar minn erba snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin" hija fiergha u kontradetta minn diversi dikjarazzjonijiet tal-istess rikorrent f'sens oppost ukoll fil-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Oltre mill-fatt car illi m'huwiex miftuh lil parti f kawza illi tbiddel skont ma jkun jaqbel lilha l-fatti illi jkunu taw lok ghal dik il-kawza, l-allegazzjoni illi l-kontendenti ilhom zmien ma jghixu flimkien mhuwiex materjalment korrett billi r-rikorrent, ghad illi kien iqatta 'l bicca l-kbira miz-zmien barra d-dar konjugali, qghad attent illi jzomm access ghall-istess dar u kien regolarment diehel u hiereg fl-istess dar u zam ghal uzu tieghu l-kamra tas-sodda matrimonjali illi minnha kienet eskluza l-esponenti. Dana l-istat ta' fatt waqaf fl-ahhar t' April tas-sena korrenti ghad illi r-rikorrent halla lit-tifel juza l-kamra tieghu matul s-sena 2011. Huwa ghalhekk minn dakinhar u fl-ebda hin qabel illi jistgha jinghad illi l-konjugi ma baqghux jghixu flimkien.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-attur xhed illi mis-sena 2000/2001 il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kienet inezistenti ghaliex bdew bil-proceduri tas-separazzjoni. Jghid illi arretrati ta' manteniment ma hemmx ghaliex jghid li permezz ta' rikors li kien gie intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell, l-obbligu tieghu li jhallas manteniment kien twaqqaf in forza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

L-attur qed jirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "A B C vs D E C" moghtija fil-5 ta' April 2013 fejn jinghad hekk:...."hemm rikors tal-attur (datat 1 ta' Lulju 2012) li jemani mic-cirkostanza l-gdida li, fil-mori ta' dan l-appell, it-tifla Sarah marret tghix ma' missierha. L-attur qed jitlob illi, fid-dawl ta' din ic-cirkostanza l-gdida, l-ordnijiet tal-ewwel Qorti dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandhom jigu mibdula. Dan sehh **f'Dicembru tal-2011**, meta t-tifla telqet mid-dar ta' ommha u marret tghix ma 'missierha. Il-konvenuta taqbel li, bhala fatt, hekk gara, pero', tghid li dan ma jfissirx li hi qed taccetta dan l-istat ta' fatt."

L-attur ressaq lill-konvenuta sabiex tixhed in subizzjoni.[1]

Il-konvenuta ikkonfermat li l-proceduri ghas-separazzjoni inbdew fis-sena 2001 u filwaqt li tghid li minn dak iz-zmien 'il quddiem ma baqghux jghixu l-hajja mizzewga, tghid li r-ragel xorta kien baqa' jmur regolarment fid-dar matrimonjali ghaliex kellu access ghad-dar. Il-konvenuta tghid illi sa qabel ma nqatet is-sentenza l-attur kien baqa' jmur id-dar, "… jisparixxi hmistax u mbaghad jerga' jigi meta jfettillu. Hu baqa' jigi d-dar sakemm jien iddecidejt li nibdel il-lock wara li nqaghtet is-sentenza". Il-konvenuta ma kinitx f'posizzjoni illi tghid kemm huma l-arretrati ta' manteniment minnha pretizi. Lejn tmiem ix-xhieda taghha tghid illi hija qed tippretendi l-manteniment ghat-tifla sa meta inqatet is-sentenza. Tghid li qed tippretendi l-manteniment tat-tifla minn Jannar 2012 sa' April 2013 nonostante li tammetti li f'dak il-perijodu it-tifla ma kinitx ghadha qed tghix maghha izda kienet marret tghix ma' missierha.

Fl-affidavit taghha tghid hekk il-konvenuta dwar il-manteniment pretiz:

"F'Dicembru tas-sena 2011, it-tifla telqet mid-dar minghajr ma qaltli u ghal ebda raguni u marret tghix ghand missierha. Meta telqet it-tifla mid-dar, A waqaf ihallas il-manteniment ghat-tifla ghax qal illi kien qieghed imantniha hu. Dak iz-zmien kien hemm digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Marzu 2002 li permezz taghha A kien gie ordnat ihallas is-somma ta' Lm40 ghat-tfal fil-gimgha. Ghal xi raguni, meta marret tghix mieghu t-tifla, A waqaf ihallas ukoll il-manteniment ghat-tifel minkejja dak li kien gie ordnat li jaghmel mill-Qorti. Jiena ma stajtx nifbem ghalfejn kien ghamel hekk peress illi t-tifel kien ghadu jghix mieghi w apparti rninn hekk kien ukoll qieghed jistudja u fil-fatt ghadu qieghed jistudja.

[1] Fol. 48

Jiena nghid illi minkejja li nahdem jiena insiba difficili hafna li nmantni 1-istandard of living li t-tifel dara', partikolarment is sa illi ma jircevix stipendju. B' dan ma rridx infisser li kont nonfoq xi flus ghal xejn. Nghid illi huwa A li jixtri ghat-tfal affarijiet mhux essenzjali bhal mobile phones ghaljin u affarijiet ohra sirnili. Finanzjarjament, it-tifel huwa ghal kollox dipendenti fuqi u ghalhekk jiena nhallaslu il-lezzjonijiet tal-karozza, il-braces u spejjes ohra ta' sahha, privat, kotba, l-ikel, il-hwejjeg, u kull spiza ohra li tista tinqala."

Fix-xhieda taghha moghtija fis-16 ta' Gunju 2014 il-konvenuta xhedet hekk:-

"Fil-11 ta' Jannar 2013 Dr. Stephen Thake ircieva ittra minghand Dr. Robert Abela ghan-nom ta' A B C li fih baghat cheque ghas-somma ta' Euros 232S (elfejn tlett mija u hamsa u ghoxrin euros). Dan jirrapresenta l-hlas ta' manteniment dovut ghall-minuri Mark C. Dan l-ammont ikopri perjodu mill-15 ta' Dicembru 2011 sat-12 ta' Jannar 2012. Fl-istess perjodu li qed insemmi l-manteniment kellu jkun Euros 2418 (elfejn erba' mija u tmintax euros). Kien sar tnaqqis ta' Euros 93 (tlieta u disghin euros) peress li t-tifla marret tghix mieghu. Wara dan it-tnaqqis li qed insemmi hadt il-pagament li ghadni kif semmejt. Jiena ikkalkulajt mill-perjodu tat-12 ta' Jannar 2012 sal-5 t'April 2013 (liema data tal-5 t'April 2013 hija d-data ta' meta nqatet s-sentenza tas-separazzjoni), u dak il-perjodu mhux kopert bhala manteniment. Hemmhekk hemm perjodu ta' erba' mija u seba' u erbghin gurnata (447 gurnata) li huma erba' u sittin gimgha. Id-digriet originali jghid illi l-manteniment huwa ta' erbghin liri Maltin fil-gimgha. Jekk naghmlu erba u sittin gimgha bl-erbghin liri Maltin dawn jigu ghal elfejn hames mija u sittin liri Maltin li jammontaw ghal hamest elef disa mija u tlieta u sittin euros. Irridu nzidu tlieta u disghin euros illi gew mnaqqsin li jigu ghal sitt elef u sitta u hamsin euros. Ikun irid jitnaqqas l-ammont li thallas ta' elfejn tlett mija u hamsa u ghoxrin euros u l-bilanc jigi jammonta ghal euros tlett elef seba' mija u wiehed u tletin.

KONTRO-EZAMI

F'dan il-perjodu li qed insemmi t-tifla kienet tghix ma missierha. Qed itiha tiekol missierha u l-ispejjes bazici taghha qed ihallashom missierha u anke spejjez ohra tal-hwejjeg qed ihallashom missierha. F'dak iz-zmien li qed naghmel referenza ghalieh jiena, u li ghalih qed nitlob manteniment, jien ma hallastx xejn. Jiena ghamilt rapport fl-ghassa tal-pulizija pero ghadu hadd ma baghat ghalina.

Il-problemi matrimonjali taghna bdew fis-sena elfejn u jigifieri erbatax il-sena ilu. Ghall-iskop tas-separazzjoni A B C baqa jghid illi ghalkemm kellna problemi matrimonjali baqa jghid sal-ahhar li hu baqa jghix id-dar. Doks.X u Y juru li ghall-fini tas-separazzjoni qed jghid li huwa baqa jghix id-dar. Fil-fatt jiena nghid li hu kien jigi meta jrid u meta jfettillu. Hu kien ghad ghandu cavetta tad-dar u seta jidhol u johrog meta jrid. Is-sentenza inqatet fil-5 ta' April 2013 u biddilt il-lock fil-21 ta' Gunju 2013 jigifieri aktar minn xahrejn u nofs wara s-sentenza ta' separazzjoni. Nghid li bhala hajja matrimonjali qatt ma konna nghixu fl-istess sodda u jiena ma kontx insajjarlu. Pero` huwa kien jigi meta jrid u meta joghgbu. Nghid li ma kellniex hajja matrimonjali tajba u ma kellniex hajja matrimonjali tajba ghal aktar minn erba' snin."

Fl-istess seduta sar il-kontro-ezami lill-attur:-

"Rigward dan il-manteniment li qed insemmu w li thallas permezz ta' ittra mibghuta mill-Avukat Abela datata 11 ta' Jannar 2013 fil-fatt ma sar ebda hlas ta' manteniment ghax skond jiena ma kien hemm xejn dovut. Jiena niftakar li matul il-kors tas-separazzjoni jiena npprezentajt diversi risposti fejn opponejt id-diversi talbiet ta' marti sabiex nigi zgumbrat mid-dar konjugali. Rigwardanti dak li qed nigi mistoqsi dwaru jekk il-fatti li jiena tajt fir-risposti tieghi lill-Qorti f'dawn ir-risposti dawk illi semmejt kienux jew le materjalment korretti nwiegeb illi dawn kienu in kuntrast mal-gideb li l-ex-mara ghamlet fosthom li qed norqod id-dar u fil-fatt ma kontx qed norqod id-dar, u t-tieni li kont qed nabbuza t-tfal u dan mhux minnu.".

Ikkunsidrat;

**Artikolu 66B tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta introdott bl-Att XIV tal-2011 jipprovdi illi:-

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-manteniment pretiz mill-konvenuta, il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 2013 (citaz nru 1561/01 NC) u jirrizulta illi fir-rigward tal-kura u kustodja u manteniment tal-minuri iddecidiet kif gej:-

"(1) tafda l-kura u kustodja tal-minuri Mark lill-konvenuta b'obbligu li din tiehu hsieb hi ghall-bzonnijiet kollha tieghu, inkluz sahha u edukazzjoni , minghajr ebda kontribuzzjoni minn zewgha;

(2) tafda l-kura u kustodja tal-minuri Sarah lill-attur b'obbligu li dan jiehu hsieb hu ghal bzonnijiet kollha taghha, inkluz sahha u edukazzjoni, minghajr ebda kontribuzzjoni minn martu."

Il-konvenuta qed tippretendi li ghandha tibqa' tircevi manteniment dwar it-tifla sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u mhux sad-data li fiha t-tifla marret tghix ma' missierha.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta m'ghandhiex ragun f'din il-pretensjoni. Jidher car minn qari tas-sentenza tal-Qorti illi l-hsieb tal-Qorti tal-Appell kien li mill-jum li t-tifla marret toqghod ghand missierha kull parti tiehu hsieb esklussivament ghall-htigijiet kollha tal-wild li qed jghix mieghu jew maghha. Tant hu hekk li fl-istess sentenza l-Qorti tal-Appell tghid li "Kwindi, tara li **ghandha taccetta s-suggeriment tal-attur** u tipprovdi fuq it-tfal fis-sens li gej:" (sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi respinta.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, jirrizulta illi ghalkemm l-attur kien ghad ghandu access ghad-dar matrimonjali huwa kien qed jirrisjedi band'ohra. Dan huwa ammess mill-istess konvenuta li pero' tghid li l-attur kien imur fid-dar matrimonjali meta jfettillu. Jekk parti fiz-zwieg tmur tghix band' ohra u zzomm ic-cavetta tad-dar matrimonjali, b'daqshekk ma tkunx qed tirrisjedi fid-dar matrimonjali. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti lanqas it-tieni eccezzjoni ma hi fondata u qed tigi respinta peress li l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin ma jghixux flimkien.

Mill-provi imressqa il-Qorti hi tal-fehma illi jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju ta' bejn il-partijiet skond 1-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konventa, tilqa' t-talbiet attrici, u

1. Konsegwentement tiddikjara li z-zwieg civili ta' bejn il-partijiet mahlul, u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex zmien ghaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------